MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 102/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Emmanuel Cacciatolo abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Liġi u l-istess Emmanuel Cacciatolo (847751(M)).**
**Vs**
**Stephen Micallef**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fil-11 ta' Jannar, 2005 fejn l-atturi qed jitlobu li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas is-somma ta' Lm 757.34 (sebgħa mija u sebgħa u ħamsin lira Maltija u erbgħa u tletin ċenteżmu) bħala ħlas ta' danni sofferti minn Emmanuel Cacciatolo, konsegwenza ta' inċident stradali li seħħ nhar id-19 ta' Mejju, 2004 ġewwa Ħ'Attard.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

L-ammont mitlub ta’ sebgħa mija u sebgħa u ħamsin lira Maltija u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm 757.34) jirrappreżenta d-danni kollha sofferti mill-attur, Emmanuel Cacciatolo assigurat tas-soċjeta’ attriċi, Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li għalihom għamlu tajjeb, kwantu għall-ammont ta’ sebgħa mija u tnejn u tletin lira Maltija u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm 732.34), is-soċjeta’ attriċi Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu għall-ammont ta’ ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm 25), l-istess Emmanuel Cacciatolo in linea ta’ excess payment, bħala riżultat ta’ l-inċident awtomobilistiku li seħħ fid-19 ta’ Mejju, 2004 għall-ħabta tal-5.00 p.m. ġewwa Żebbuġ Road, Attard, bejn il-vettura propjeta’ ta’ l-attur, Emmanuel Cacciatolo, bin-numru tar-reġistrazzjoni CAC 383 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-reġistrazzjoni JAP 225, liema inċident seħħ unikament bħala riżultat ta’ traskuraġni, negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali tas-26 ta’ Awissu, 2004 u ta’ l-ittra uffiċjali li qed tintbagħat kontestwalment ma’ dan l-att, lis-soċjeta’ assikuratriċi Altas Insurance Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra uffiċjali tas-26 ta’Awissu, 2004, kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Stephen Micallef fejn ingħad illi:-

1. L-inċident tat-traffiku in kwistjoni ġara unikament bi ħtija ta’ Ivan Cacciatolo li kien qed isuq il-vettura CAC 383.
2. Għalhekk fejn jirrigwarda l-eċċipjent m’hemmx danni x’jiġu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għall-premess, l-atturi għandhom iġibu l-prova tad-danni skond il-liġi.
3. Inoltre ma hemmx lok għall-kundanna ta’ l-eċċipjent għall-ħlas ta’ danni favur l-atturi.
4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permess mill-liġi.
5. Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-vettura attriċi kienet ġejja mid-direzzjoni ta' H'Attard għal Triq Żebbuġ, San Pawl u ngħaqdet ma’ Triq Żebbuġ. Wara distanza pjuttost qasira, l-vettura kisret fuq il-lemin filwaqt illi l-vettura li ppruvat tissorpassa l-istess vettura konvenut u saret il-kolliżjoni. Il-punt skottanti ta' din il-kolliżjoni hija illi ż-żewġ vetturi raw lil xulxin pero' ma taw l-ebda ċans lil xulxin, di fatti l-vettura misjuqa mill-assigurat attriċi ra l-vettura toħroġ mis-side tal-Main Road, pero’ l-oħra ma ċeditlux u baqa’ jimxi magħha. Da parti tiegħu l-konvenut jgħid illi ra l-vettura l-oħra ġejja gas down u xorta ħareġ fit-triq, imxew ma’ xulxin, wasal biex jikser u sab il-vettura l-oħra u ħabat. Huwa ovvju illi dan huwa każ lampanti ta' nuqqas ta' prudenza u perizja taż-żewġ xufiera. In fatti l-vettura attriċi rat lill-vettura l-oħra u laħqitha pero’ ma setgħetx tissorpassa. Flok naqset biex biex tħalliha baqgħet timpika magħha u tibqa’ miexja sakemm issuċċediet il-kolliżjoni. Da parti tal-konvenut dan ra lill-vettura l-oħra ġejja tgħaġġel b’ċertu speed, raha taqbżu, ġiet biex tikser fuq il-lemin u saret il-kolliżjoni.

Każ ta’ pika skjaċċanti bejn iż-żewġ vetturi ma jistax ikun hemm u għalhekk iż-żewġ xufiera huma ugwalment responsabbli għall-istess kolliżjoni.

Illi l-kwantum tad-danni ma ġiex kontestat, liema kwantum jitla’ għas-somma ta’ sitt mija u ħamsa u tmenin lira Maltija u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm 685.34) a fol. 48 tal-proċess u għalhekk it-Tribunal jiddeċiedi illi jiddikjara liż-żewġ xufiera ugwalment responsabbli għall-istess inċident u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta’ tliet mija u tnejn u erbgħin lira Maltija u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm342.67), bl-ispejjeż u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------